## S4.3 IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET U L-ĦIN LIBERU



**S4.3.2**
Nintervistaw persuna anzjana dwar kif kienu jgħaddu l-ħin liberu fil-passat.

**A. Aqra din l-intervista biex tieħu idea ta' kif kienu jgħaddu l-ħin liberu fil-passat.**



Toni — Nannu Pinu, grazzi li lqajt l-istedina tiegħi biex tkellimni naqra dwar il-ħin liberu li kien ikollkom meta kont żgħir.

Nannu — Nieħu gost nirrakkonta jien, kif taf int. Faqqa' Ton!

Toni — Kemm kien ikollkom ħin liberu?

Nannu — Ara Ton, intom għandkom ħafna iktar ħin liberu llum. Il-ħajja nbidlet. Missieri kellu ħanut tal-mastrudaxxa, kien jaħdem l-injam. Minn meta bdejt nimxi, kont immur ngħinu ħinijiet twal fil-ħanut. Nista' ngħid allura li l-uniku ħin liberu li kellna kien ikun nhar ta' Ħadd. Il-Ħadd ma kienx jiftħu l-ħanut, allura konna nisimgħu l-quddiesa filgħodu kmieni u l-kumplament tal-ġurnata mbagħad, kienet libera.

Toni — Allura x'kontu tagħmlu l-Ħadd.

Nannu — Fis-sajf konna jew immorru xi festa tal-irħula viċin, inkella, billi konna

noqogħdu Ħal Għaxaq, konna ninżlu Birżebbuġa ngħumu. Niftakar ix-xatt ta' Birżebbuġa miksi bl-għannejja, kulħadd bil-kitarra jgħanni u jqabbel.

Toni U fix-xitwa?

Nannu Fix-xitwa konna nħobbu mmorru fir-raba' li kellhom iz-zijiet tiegħi. Hemm konna nqattgħuha, fl-għelieqi għall-arja, naturalment meta ma tkunx xita. Isma', ħaġa oħra. Meta jasal żmien il-ħsad, minn ħabta ta' Marzu sa Ġunju, il-ħanut bilkemm kont niftħu darba f'ġimgħa. Kulħadd ġor-raba' naqilgħu l-basal, u l-patata, u naħsdu l-qamħ. L-irġiel kollha, u kultant anke n-nisa, kulħadd jgħin fix-xogħol tar-raba'.

Toni Allura ma kellikx xi delizzju Nann?

Nannu Bħal ħafna rġiel oħra, kont inħobb il-kaċċa u l-insib. Ħija Masu kien iktar dilettant minni u jiena kont immur miegħu l-iktar.

Toni Xi tgħidli dwar il-festi? Kontu tiċċelebraw xi festi?

Nannu Għalina l-festi kienu importanti ħafna Ton, iktar mil-lum. Fil-festi, ħadd ma kien jaħdem, allura kienu mezz kif nistrieħu. Fil-Milied pereżempju, bħal-lum, konna nagħmlu l-presepju, nattendu l-knisja u naturalment nieklu xi ikla tajba. Fl-Ewwel tas-Sena, fl-Istrina, aħna t-tfal konna naqilgħu ħafna rigali. Fil-Karnival imbagħad, qabel jibda r-Randan, aħna t-tfal u anke l-kbar, konna nilbsu maskarati. Fir-Randan

imbagħad konna nsumu u ma niklux ħelu. Fl-Għid kine jiġi l-kappillan ibierek id-djar tagħna. Lili naturalment kien iberikli anke l-ħanut tax-xogħol.

Toni L-Imnarja kontu tmorru?

Nannu U żgur, min ma kienx imur sal-Buskett jisma' l-għana, u jara t-tlielaq tal-bhejjem taħt is-Saqqajja? L-Imnarja konna nistennewha bil-ħerqa.

Toni Nann, jiena qrajt li bosta rġiel fl-antik, kienu jiskru fil-ħwienet tax-xorb. Vera?

Nannu U x'vera! Jien filgħaxija tant kont inkun għajjien, li wara li niġi mill-ħanut, ninħasel, niekol, ngħid kelma ma' tal-familja u mmur norqod kmieni. Kulħadd kien jorqod kmieni, għaliex mhux talli ma kellmiex televixin, talli qas dawl elettriku ma kellna. Naturalment imbagħad filgħodu kulħadd kien iqum kmieni ħafna.

Toni Allura Nann, ma kontux tilagħbu? Għax ħlief xogħol ma semmejtlix!

Nannu U mela ma konniex nilagħbu Ton. L-iktar nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd, aħna t-tfal konna noqogħdu ħinijiet twal barra t-triq. Traffiku ma kienx hawn, u t-toroq kienu tagħna.

Toni X'kontu tilagħbu Nann?

| | |
|---|---|
| Nannu | Il-bniet kienu jilagħbu biż-żibeġ, xi logħba Passju u b'xi lastiku. Aħna s-subien kellna x-Xixu, il-boċċi, iċ-Ċirku, il-logħba taż-Żiemel u konna wkoll inħobbu nagħmlu xi karettun bir-roti ħalli niġru bih. |
| Toni | Nann grazzi ħafna ta' dan it-tagħrif. Għadda l-iskola se jkolli x'nirrakkonta meta tistaqsini l-għalliema. |
| Nannu | Meta trid ejja Ton, pjaċir nieħu nirrakkonta dwar tfuliti! |

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Fejn kien jgħaddi l-biċċa l-kbira tal-ġurnata matul il-ġimgħa, in-Nannu Pinu meta kien żgħir?



_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Semmi

attività li kienu jagħmlu l-Ħadd fis-sajf _______________________

attività li kienu jagħmlu l-Ħadd fix-xitwa _______________________

3. Semmi delizzju li l-biċċa l-kbira tal-irġiel kważi kollha kellhom fil-passat.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Għaliex meta n-Nannu Pinu kien żgħir, kienu jmorru jorqdu kmieni?

5. X'kien jiġri meta jkun hemm ħafna xogħol fir-raba' fi żmien il-ħsad?

6. Semmi festa li fiha t-tfal kienu jaqilgħu ħafna rigali



7. Semmi okkażjoni meta kemm it-tfal kif ukoll il-kbar kienu jilbsu ta' m

8. F'liema festa jsiru t-tlielaq tal-bhejjem taħt is-Saqqajja tar-Rabat?

9. Semmi:

a) żewġ logħbiet li kienu jħobbu jilagħbu l-bniet

b) żewġ logħbiet li kienu jilagħbuhom iktar is-subien

10. Hemm xi ħaġa milli semma n-Nannu Pinu li taqbel ma' kif ngħaddu l-ħin liberu tagħna llum?